MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 973/1994/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd. hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Joseph Cremona u Josephine Cremona sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota tad-19 ta' Ottubru 1999 s-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal Insurance International Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Cremona u dan minflok Hugh P. Zammit fil-kwalita' tieghu premessa; u l-istess Joseph u Josephine Cremona.**

**vs.**

**Charles Galea; Anthony Muscat li miet fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-12 ta' Gunju 1995 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Josephine armla ta' Anthony**

**Muscat u Mark, Edwin u Rodney ahwa Muscat ulied l-istess Anthony Muscat; u l-Perit Carm Lino Spiteri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Lulju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino fejn gie premess:-

Illi waqt li l-konvenuti jew min minnhom kien "qieghed jesegwixxi" xoghlijiet strutturali fil-fond "Night and Day *Garage*" gewwa Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, dawn ikkagunaw hsarat konsiderevoli fil-fond adjacenti u cjoe' 23, Triq Toni Bajada, bil-konsegwenza illi dan ta' l-ahhar iggarraf fit-12 ta' Jannar 1994.

Illi fl-istess hin gewwa dan il-fond kien hemm zewg vetturi appartententi lill-atturi, u *cjoe'* l-vettura S 9224 tal-marka Mercedes li kienet tappartjeni lil Josephine Caruana, u l-vettura numru B 1095 tal-marka BMW liema vettura kienet tappartjeni lil Joseph Cremona.

Illi dawn l-imsemmija vetturi kienu koperti b'polza ta' assikurazzjoni "*comprehensive*" numru 3366250159224 u dik numru 476501131095 rispettivament mas-socjeta' attrici.

Illi dawn id-danni gew kagunati unika tort tal-konvenuti jew min minnhom kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarhom jew min minnhom unikament responsabbli ghat-tigrif tal-bini fuq imsemi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

2. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur *nomine* fis-somma ta’ Lm7,138.80 jew somma verjuri *okkorendo* bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur *in linea* ta’ danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino ghas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 1994.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Muscat datata 22 ta’ Settembru 1994 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi *in qaunto* diretti kontrih huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li hu ma jista’ bl-ebda mod jigi tenut responsabbli ghad-danni lamentati mill-attur *nomine*, u b’hekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Perit Carm Lino Spiteri datata 8 ta’ Jannar 1995 a fol. 23 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi *in qaunto* diretti kontrih huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li hu ma jista’ bl-ebda mod jigi tenut responsabbli ghad-danni lamentati

mill-attur *nomine*, u b'hekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista ta' xhieda a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Charles Galea datat 28 ta' Settembru 1997 sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Galea datata 13 ta' Jannar 1995 a fol. 26 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa ma jahtix ghall-incident mertu tal-kawza u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista ta' xhieda a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti datati 7 ta' Ottubru 1994, 3 ta' Novembru 1994, 12 ta' Dicembru 2004, 9 ta' Gunju 1995, 7 ta' April 1995, u l-ordni tal-Qorti datata 14 ta' Novembru 1995 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri datati 8 ta' Frar 1996.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo datati 19 ta' Gunju 1996, 27 ta' Novembru 1996, 23 ta' April 1997, 13 ta' Ottubru 1997, 13 ta' Frar 1998, 3 ta' Lulju 1998.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna datati 3 ta' Frar 1999, 2 ta' Marzu 1999, 11 ta' Mejju 1999, 19 ta'

Ottubru 1999, 1 ta' Frar 2000, 12 ta' Mejju 2000, 31 ta' Ottubru 2000, 2 ta' Frar 2001, 15 ta' Gunju 2001, 5 ta' Lulju 2001, 23 ta' Novembru 2001, 29 ta' Jannar 2002, u 15 ta' Marzu 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale datati 8 ta' April 2002, 10 ta' Gunju 2002, u 4 ta' Novembru 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut Charles Galea datat 14 ta' Frar 1995 u d-digriet datat 17 ta' Frar 1995.

Rat ir-rikors ta' Dr. Patrick Galea datat 3 ta' April 1995.

Rat ir-rikors ta' Josephine armla ta' Anthony Muscat *et* datat 9 ta' Gunju 1995

Rat in-nota tas-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited datata 19 ta' Ottubru 1999 (fol. 50).

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datati 21 ta' Jannar 2003 u tat-2 ta' April 2003 fejn il-Qorti ordnat li l-kawza Citaz. Numru 1665/94 u l-ohra ndikati fil-verbal precedenti jigu appuntati quddiem din il-Qorti kif presjeduta; tat- 8 ta' April 2003, 3 ta' Gunju 2003, 9 ta' Ottubru 2003, 30 ta' Jannar 2004, 23 ta' Marzu 2004, 7 ta' Mejju 2004 fejn gie deciz li r-rapport prezentat fil-kawza Citazzjoni Numru 1665/94 u l-verbali nkluzi deposizzjonijiet u dokumenti annessi ghandhom jiffurmaw parti ntegrali f'dawn il-proceduri; tat-22 ta' Gunju 2004; 19 ta' Ottubru 2004, 7 ta' Dicembru 2004, 28 ta' Jannar 2005; 15 ta' Marzu 2005, 10 ta' Mejju 2005, 16 ta' Gunju 2005 u 8 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 20 ta' Jannar 2006, 2 ta' Marzu 2006, 11 ta' Mejju 2006, 5 ta' Ottubru 2006, 16 ta' Novembru 2006, 14 ta' Frar 2007 u 27 ta' Marzu 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2007.

Rat r-rapport peritali ta’ Dr. Tonio Mallia assistit mill-Perit Tekniku Anthony Cassar datat 2 ta’ Marzu 2004 u li jinsab esebiet fl-atti tal-kawza Citaz. Numru 1665/9 u x-xhieda u dokumenti relattivi li jinsabu esebiti fl-atti tal-kawza Citaz. Numru 302/95.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li soffrew danni minhabba li ggarraf l-*garage* “Night and Day” fit-12 ta’ Jannar 2004 u b’konsegwenza ta’ dan gew ikkawzati hsarat fil-proprjeta’ ta’ l-atturi li kienet fil-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-*garage* numru 22, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar kien proprjeta’ tas-socjeta’ “Ghajn Razul Company Limited” u li kien hemm fl-istess *garage* proprjeta’ ta’ l-attur Joseph Cremona zewg karozzi wahda tal-marka BMW u l-ohra tal-marka Mercedes li kienu assigurati mas-socjeta’ attrici.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta sar ix-xoghol fil-proprjeta’ tal-konvenut tali xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma nhadux il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara fil-proprjeta’ adjacenti. Dan jinsab indikat fir-rapport tal-Perit Legali li jidher li bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li gie ndikat fir-rapport *ex parte* tal-perit Frederick Doublet esebit bhala Dok. “FD” a fol. 164 tal-process fil-kawza numru 302/94 minn fejn jinghad li l-istess xoghol u thaffir fil-proprjeta’ tal-konvenut sar f’distanza inqas minn dik rikjesti mill-ligi ta’ zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju u fil-fatt it-thaffir sar ezatt ma’ l-

istess hajt u anke taht l-istess hajt divizorju u kien dan li kien il-kawza principali tal-hsarat li saru fil-fond adjecenti.

Illi ta’ l-istess konkluzjoni kienet ix-xhieda prodotta tal-Perit Richard Aquilina li kien inkarigat sabiex jidderigi rapport li sar fl-atti ta’ l-inkjesta magisterjali li saret wara l-istess incident u f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess xoghlijiet fil-proprjeta’ tal-konvenut certament li kienu wahda mill-kawzi ghaliex waqa’ l-*garage* fejn kien hemm il-karozzi ta’ l-atturi assikurati mis-socjeta’ attrici.

Illi fil-fatt il-kwistjoni li nqalghet waqt din il-kawza kien il-fatt li l-Perit Legali kkonkluda li kienu unikament il-konvenuti solidament bejniethom li kienu l-kawza ghaliex sehh il-kollass tal-*garage* fejn kien hemm il-karozzi proprjeta’ ta’ l-atturi u assigurati mis-socjeta’ attrici, mentri l-perit tekniku jsostni li ghalkemm huwa minnu li x-xoghlijiet li saru mill-konvenuti naqsu s-sahha u s-support tal-hajt, pero` s-saqaf tal-*garage* fejn kien hemm l-istess mobbli ta’ l-atturi, kien mibni b’mod hazin u mhux skond is-sengha u l-arti (u dan kif l-istess perit tekniku Anthony Cassar mqabbad mill-Qorti kkonferma fir-relazzjoni tieghu u anke fid-domandi li saru lilu in eskussjoni fit-22 ta’ Gunju 2004) u li kien dan l-istat ta’ l-istess saqaf u wkoll kanal li kien hemm fil-*garage* fejn kien hemm il-karozzi ta’ l-atturi li kien issegat xi tlett piedi l-boghod mill-hajt komuni li ggarraf, liema qsim dghajjef il-pedamenti u l-irbit li dan il-konkos ta’ l-art kien ghamel (paragrafu 8 tar-relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 88 tal-process – Citaz. Numru 1665/94) li kkawzaw il-hsarat kollha fil-garaxx adjacenti ghal dak tal-konvenut sid ta’ l-istess garaxx, u din il-Qorti thoss li din il-konkluzjoni teknika ma tista’ bl-ebda mod tigi njorata.

Illi dan ifisser li din il-Qorti thoss li giet ippruvata r-responsabbilta’ tas-sid, tal-bennej u tal-kuntrattur ghall-hsara li giet ikkawzata fil-fond fejn kien hemm proprjeta’ ta’ l-atturi, u dan peress li jidher car li la s-sid, la l-bennej u lanqas il-perit ma hadu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara fil-fond adjecenti fejn kien hemm il-vetturi mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li ma sar ebda tentattiv la mill-bennej u lanqas mill-perit inkarigat sabiex jassiguraw ruhhom li bix-xoghol li kien ser jaghmlu ma kinitx ser tigi kkawzata hsara lill-terzi, u dan iktar u iktar meta ma nzammitx id-distanza legali ghat-thaffir, anzi jidher li dan l-iskavar sar ukoll mal-hajt divizorju u wkoll nizel taht l-istess hajt, u dan apparti li ma ghamlu l-ebda kalkolu ta’ l-istat tal-proprjeta’ kontigwa, b’dan li bil-mod li saru l-istess xoghlijiet giet ikkawzata l-hsara ndikata fid-dokumenti, xhieda u ritratti esebiti f’din il-kawza u fl-atti tal-kawzi l-ohra Citaz. Numru 1665/94 u 302/94. B’hekk l-istess bennej ma ghamilx ix-xoghol skond kif titlob is-sengha u l-arti u skond il-ligi; fl-istess waqt il-perit inkarigat mix-xoghlijiet mhux biss ma ghamel l-ebda sorveljenza ta’ xejn fuq l-istess lant tax-xoghol, izda naqas ukoll li jaghmel ezami ta’ dak li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol, inkluz l-istat tal-proprjeta’ fejn kienu l-istess karozzi mertu tal-kawza odjerna, u dan kif indikat mill-perit legali wkoll f’paragrafu 33 tar-relazzjoni tieghu u mill-bqija din il-Qorti taghmel riferenza ghall-paragrafu 33 tar-relazzjoni peritali biss u limitatament l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz.

Illi dan qed jinghad ghaliex, kif gja gie ndikat f’din id-decizjoni, r-rapport tal-Perit Tekniku Anthony Cassar jindika li l-istess hsarat fil-*garage* fejn kien hemm il-karozzi mertu tal-kawza odjerna, u senjatament il-kolass tas-saqaf ta’ l-istess gew ikkawzati wkoll minhabba l-istat tas-saqaf tal-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, li skond l-istess perit tekniku ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, u dan flimkien mal-kanal imsemmi fit-tmien (8) paragrafu tar-relazzjoni tieghu, ikkontribwixxa ghall-hsarat sofferti fl-istess fond u l-vetturi li allura kien hemm fih, tant li l-istess perit tekniku sostna li l-proprjetarju ta’ l-istess saqaf jew *garage* kellu jaqsam nofs l-ispejjez li jirrizultaw. Din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-konkluzjoni ta’ natura teknika ghandha tigi skartata, u dan ukoll ghaliex ma tistax tara ghaliex ir-relazzjoni legali giet konkluza minghajr ma nkludiet ir-relazzjoni teknika, anzi jidher li r-rapport legali ma hax in konsiderazzjoni r-rapport tekniku (fol. 99 tac-Citaz. Numru 1665/94).

Illi ghalhekk is-socjeta proprjetarja tal-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, hija responsabbli ghan-nofs il-hsara kkawzata bl-istess kollass tas-saqaf ta' l-imsemmi fond u ghalhekk ghall-fini ta' din il-kawza din il-Qorti ser timxi fuq l-ammont indikat f'Dok. "HY" (fol. 83) l-ammont ta' danni kkawzati fil-vetturi mertu tal-kawza odjerna, li jwassal ghall-ammont totali ta' Lm7,138.80, u dan kif ikkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, u minhabba dak deciz dwar ir-responsabbilta` ta' l-istess, il-konvenuti solidalment bejniethom ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici nofs l-istess ammont u cjoe' l-ammont ta' Lm3,569.40.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom bhala responsabbli ghat-tigrif tal-bini fuq imsemmi fil-grad fuq indikat ta’ hamsin fil-mija (50%) u allura responsabbli ghall-hamsin fil-mija (50%) tad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi kif hawn deciz.

2. Tillikwida dawn id-danni sofferti mis-socjeta’ attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom fl-ammont ta’ tlett elef, hames mija u disgha u sittin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm3,569.40.).

3. Tikkundanna l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef, hames mija u disgha u sittin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm3,569.40) *in linea* ta’ danni, bhala l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti, b’dan li l-atturi ghandhom ihallsu nofs l-ispejjez tal-kawza u l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ghandhom ihallsu n-nofs l-iehor tal-kawza u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------